KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa B'Urġenza tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 13 Ħamis 20 ta' Frar 2020

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fit-8:20 ta' filgħodu.

PREŻENTI:
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Joseph Edward Howard – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Keith Cassar- Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Christopher Grech – Viċi-Sindku

ASSENTI

MISTIEDEN
Daniel Galea

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Romilda Baldacchino Zarb ippresediet l-laqgħa.

13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji, tal-Viċi Sindku Christopher Grech u l-Kunsilliera Keith Cassar, Mikhail Micallef, Joseph Gatt, Maria Pia Bonnici u Aiken Zerafa. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

13.2 Rapporti

13.2.1 Unaudited Financial Statements 2019

L-Accountant Galea nforma lil membri preżenti li għandhom is-*set* ta' dokumenti quddiemhom bħala referenza.

| | |
|---|---|
| Paġna 4 | - Statement of Comprehensive income li huwa d-dħul u l-ħruġ li kellhu l-Kunsill fl' 2019 ta' natura rikkurrenti. Dħul mil-Gvern Ċentrali jammonti għal ftit inqas min 1.4 miljun, sistema ta' *bye laws* €29,000, LES €13,000, dħul ieħor ġenerali €210,000. B'kollox total ta' €1,631,411 li jikkompara tajjeb mat-dħul tas-sena ta' qabel li kien €1,429,000.<br><br>Ħruġ fi spejjes ta' pagi €241,000, manutenzjoni €859,000, *other expenditure* €383,000. |
| Paġna 13 (*note 7*) | - Hawnhekk jinstab il-*breakdown* tal-*general income* f'hiex inhu magħmul; bħal dħul min *cultural events and sponsorships.* General income żdiet minħabba li fit-2019 il-Kunsill qed jinvojsja lil-Wasteserv mal-*organic collection*, li jħallashom il-Kunsill fejn għandu *agreement* mal-Wasteserv, li dawn jiġu *billed* lil Wasteserv. |
| (*note 4*) | - Din is-sena kien hemm iktar dħul mis-snin ta' qabel fil-bejgħ ta' kotba.<br><br>- LES fuq ħlas ta' ċitazjonijiet hemm tnaqqis. |
| (*note 9*) | - Spejjes ta' pagi, fejn fit-2019 żdied impjegat, kien hemm żieda wkoll *in-line* mar-regolamenti tad-DLG fuq l-onorarja tal-Kunsilliera u tas-Sindku, u tal-*collective agreement*.<br><br>- Operations and Maintenance ta' xogħolijiet fil-lokalita, f-tabelli, *road markings*, *patching* etċ, kien hemm żieda sostanzjali, fejn 2018 l-Kunsill nefaq €164,000 u fit 2019 nefaq €163,000. Waqt f'*contractual services* kien hemm żieda ta' kwasi €200,000.<br><br>- *Refuse collection* kien hemm żieda fi' ġbir ta' skart, fejn għalkhemm naqset il-borza s-sewda, żdied lis-skart organiku.<br><br>- *Bulky refuse* kien hemm żieda wkoll fejn f'*contractual services* kien hemm żieda min €493,000 tljana għal-ispiza ta' €687,000. |
| (*note 11*) | - Spejjes ta' amministrazzjoni, hawnhekk jidher tnaqqis sostanzjali, li ġej min aġġustament min 2018 minħabba direttiva numru 1 ta' kif nistmaw il-*fixed assets* li għandu l-Kunsill, fejn qlibna min *reducing balance method* għal-*straight line method.* Aparti hekk fejn jidħol dawl, ilma u telephones qbajna fejn konna. Kirjiet naqset bi ftit peres li tneħħew il-garaxxijiet taż-Żokkrija li l-Kunsill kien jikri mil-Lands. |

- *Professional services, insurances, social cultural, community services* u *public relations*; hawnhekk għanda żieda minħabba l-kotba ġodda li ġew ppublikati.

(*note 13*) - *Intangible fixed assets*, softwares li l-Kunsill jkun xtara matul ż-żmienijiet u li jiġu diprezzati *in-line* mad-*depreciation guidelines* tad-dipartiment.

(*note 14*) - Investiment li l-Kunsill għamel fil-lokalita, u hawnhekk jidħlu l-flus li l-Kunsill irċieva fl-2019 min fondi, skemi u *grants.* L-ikbar ammont huwa mid-*development funds* fuq il-proġett ta' fanali dekorattivi.

Meta wieħed jħares lejn id-*depreciation* tas-sena, l-Kunsill spiċċa *b'net book value* li jfisser valur tal-*fixed assets* li hemm, ta' €636,000.

(*note 15*) - *Receivables* li juri l-Kunsill x'kellu jirċievi fl-aħħar tas-sena min *invoices* li ntbgħatu, li ammonta għal €43,000. Hemm wkoll *prepayments* u *accrued income* ta' €121,000 li huma ammonti li l-Kunsill għadu ma bgħatx *invoice* fejn l-ikbar ammont huwa relatat mal-Wasteserv fuq *tipping fees* ta' kemm jidħol skart fil-*landfills.* Il-Kunsill jħallas biss kemm jkun ingħata mil-Gvern Ċentrali.

(*note 16*) - *Cash and Cash Equivalent* li juru x'kien hemm flus il-bank fl-aħħar tas-sena 2019 li jammonta għal €1,200,000. Dawn minnhom għad jridu jitħallsu xi *invoices.*

(*note 17*) - Hawnhekk juri l-Kunsill x'għandu jħallas li jkunu kontijiet li għad irridu nirċievu *invoices*, kontijiet li jkun hemm *dispute* fuqhom, oħrajn li tħallsu f'Jannar etċ. L-ammont huwa ta' 300,000.

- *Other Payables* li juru flus li l-Kunsill jkun irċieva fuq depożiti eżempju fejn jidħlu permessi, li jammonta għal €70,000.

Dwar dawn id-depożiti l-membri preżenti qablu li trid issir *bye-law* biex wara ċertu żnien dawn il-flus jintilfu, għax hemm depożiti li 'ilhom ħafna snin u għadhom ma nġabrux.

(*note 19*) - L-Accountant Galea nforma li dwar il-proġett ta' PPP, l-Kunsill ħallas l-ammont tal-PPP 2 u ngħalaq, u din is-sena jkun ħallas l-aħħar pagament tal-PPP 1 li jammonta għal €29,920.

- *Accruals* huma kontijiet li l-Kunsill rċieva wara l-aħħar tas-sena.

L-accountant Galea nforma lil-membri preżenti li min dawk il €1,200,000, wara li tneħħi depożiti, kontijiet li għad jridu jitħallsu etċ, għandu *working capital* ta' kwasi €80,000.

- *Government Grants,* li huma proġetti li l-Kunsill qed jgħamel fejn l-akbar ammont huwa tal-*measure 4.4 rubble walls.*

- *Capital Committments*, dawn juru spejjes u proġetti kapitali li l-Kunsill approva għal 2020.

- *Contingent Liabilities*, dawn juru sitwazzjonijiet li l-Kunsill involut fihom fuq sitwazzjonijiet legali.

(*note 24*) - *Liquidity Risk* fejn hawn qed jiġi kkwatifikat li l-Kunsill qed jgħalaq is-sena b'*net current asset position* €855,997.

**13.2.2 Quarterly Report October-December 2019**

L-Accountant Galea nforma li l-Quarterly Report October-December 2019, huwa simili ta' dak li nirrapurtaw kull tlett xhur, u bħala ammonti jirriflettu l-istess figuri li għadu kemm ġie spjegat fl-Unaudited Financial Statements 2019.

L-Accountant Galea nforma li issa nipreżentaw l-*accounts* lil-awdituri li f'Marzu jiġu jgħamlu l-*audit* tagħhom, u għanda sa l-aħħar ta' April biex nerġaw niltaqaw biex jsiru l-*audit adjustments* li jipproponu l-awdituri.

**13.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-8:55 ta' filgħodu, u ġiet aġġornata għal-10 ta' Marzu 2020 fis-6:00pm.

Konfermati llum 20 ta' Frar 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda Baldacchino Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |